



Brussell, 3 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5014/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0440(NLE)

ACP 2
COAFR 2
CFSP/PESC 2
RELEX 3

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Diċembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 834 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tħassar, f'isem ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/394 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 834 final.

Mehmuż: COM(2021) 834 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.12.2021
COM(2021) 834 final

2021/0440 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tħassar, f'isem ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqqu fi ħdan il-Kunsill, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/394 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Wara d-deterjorament tas-sitwazzjoni fil-Burundi fit-tħejjija għall-elezzjonijiet leġislattivi u presidenzjali f'Ġunju u Lulju 2015, l-Unjoni Ewropea kkunsidrat li r-Repubblika tal-Burundi ma kinitx konformi mal-elementi essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE¹ fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

Wara l-konsultazzjonijiet li saru fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 2015 skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, l-Unjoni Ewropea nnotat it-tweġibiet mogħtija mill-Gvern tal-Burundi u l-impenn ta' dan tal-aħħar li jipprovdi kjarifiki fir-rigward tal-kwistjonijiet imqajma u li jħaffef ċerti proċedimenti ġudizzjarji. Madankollu, l-Unjoni Ewropea qieset li l-pożizzjonijiet espressi ma kinux jindirizzaw b'mod komprensiv il-kwistjoni tan-nuqqas ta' osservanza tal-elementi essenzjali tas-sħubija tagħha mar-Repubblika tal-Burundi. Dawn il-pożizzjonijiet lanqas ma taw tweġiba sodisfaċenti għad-deċizzjonijiet meħuda mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana fis-17 ta' Ottubru u t-13 ta' Novembru 2015, b'mod partikolari l-hteġa li jitlaqqa' malajr djalogu ġenwin u inklużiv, ibbażat fuq ir-rispett għall-Ftehim ta' Arusha.

Fit-13 ta' Novembru 2015, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/394, il-konsultazzjonijiet ġew konklużi u ttieħdu miżuri xierqa, kif speċifikat fl-Anness ta' dik id-Deciżjoni². Dawn kienu jinkludu s-sospensjoni tal-appoġġ finanzjarju jew il-ħlasijiet ta' fondi (inkluż l-appoġġ baġitarju) għall-benefiċċju dirett tal-amministrazzjoni jew l-istituzzjonijiet tal-Burundi.

Mit-tranżizzjoni politika paċifika tal-2020 li wasslet għall-elezzjoni tal-President Ndayishimiye u l-ħatra ta' gvern ġdid, l-UE osservat momentum pożittiv, muri minn:

- Involvement kostruttiv mal-Burundi fi djalogu politiku skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE;
- L-isforzi tal-gvern b'appoġġ għall-paċi u l-istabbiltà, miżuri għat-titjib tal-governanza tajba, il-libertà tal-media; dikjarazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-impunità;
- Ftehim dwar pjan direzzjonali ("Feuille de route") li fih impenji min-naħa tal-gvern tal-Burundi b'reazzjoni għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/394 fl-oqsma

¹ Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU 2000 L 317, 15.12.2000, p. 3). Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġie emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3). L-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġiet estiża bid-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 biex jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 001, 3.1.2020, p. 3) kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-4 ta' Diċembru 2020 (ĠU L 420, 14.12.2020, p. 32) u d-Deċiżjoni Nru 3/2021 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-26 ta' Novembru 2021 (ĠU L 441, 9.12.2021, p. 3), sat-30 ta' Ġunju 2022 jew sad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE l-ġdid, skont liema jiġi l-ewwel.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/394 tal-14 ta' Marzu 2016 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 73, 18.3.2016, p. 90).

tad-drittijiet tal-bniedem; il-ġustizzja u l-istat tad-dritt; il-libertà tal-opinjoni u tal-istampa; il-governanza tajba; il-paċi, is-sigurtà u d-demokrazija; il-klima kummerċjali; l-ambjent u l-bijodiversità;

- Għadd kbir ta' refuġjati li jirritornaw b'mod volontarju lejn il-Burundi;
- It-tkomplija tal-kooperazzjoni mal-komunità internazzjonali u mal-pajjiżi ġirien.

Fid-dawl ta' dan il-progress u l-impenji, il-Kapijiet tal-Missjoni fir-rapport tagħhom tad-19 ta' Mejju 2021 esprimew il-fehma li l-miżuri xierqa ddikjarati fl-anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/394 ma kinux għadhom rilevanti u għalhekk irrakkomandaw li dawn għandhom jitneħħew.

Madankollu, il-kwistjonijiet li ġejjin għandhom ikomplu jitqajmu fil-kuntest tad-djalogu politiku stabbilit mal-Burundi skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE:

- It-titjib tal-governanza tajba, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, il-klima tan-negozju, bħala bażi meħtieġa għall-iżvilupp sostenibbli;
- Il-liberazzjoni ta' prigionieri politiċi, ir-ritorn ta' membri tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili; l-ispazju politiku jenħtieġ li jinfetaħ u jkun paċifiku, bl-oġġettiv li tintlaħaq rikoniċiljazzjoni;
- Sforzi kontinwi biex tissaħħaħ il-libertà tal-media;
- Tnaqqis ta' arresti arbitrari; kontroll aħjar mill-awtoritajiet rilevanti ta' gruppi vjolenti relatati politikament ("Imbonerakure") u r-responsabbiltà u t-trasparenza mtejbja ta' ċerti attivitajiet tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence (SNR); ir-riforma tal-ġudikatura, is-separazzjoni bejn l-Istat u l-Parti;
- Ir-rispett tal-indipendenza tas-Soċjetà Ċivili/NGOs

L-għan ta' din il-proposta huwa għalhekk li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/394, li se tirriżulta fit-tneħħija tal-miżuri xierqa definiti fil-konklużjonijiet tal-konsultazzjonijiet tal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.

• **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika bħal:

- Il-Kunsens Ewropew il-Ġdid dwar l-Iżvilupp "Id-Dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Futur Tagħna", it-8 ta' Ġunju 2017³.
- Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea
- Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Lejn Strateġija komprensiva mal-Afrika, id-9 ta' Marzu 2020⁴.
- Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024⁵.

³ Id-Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, Il-Kunsens Ewropew il-Ġdid dwar l-Iżvilupp: Id-Dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Futur Tagħna (ĠU C210, 30.06.2017 p. 1)

⁴ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Lejn Strateġija komprensiva mal-Afrika (JOIN(2020) 4 final).

- Il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, 2012⁶.
- Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III tal-25 ta' Novembru 2020⁷.

Il-kooperazzjoni tal-UE hija ggwidata mill-Aġenda 2030 u l-SDGs, il-Ftehim ta' Pariġi, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa.

Il-proposta se tippermetti l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tagħhom peress li se tippermetti l-kooperazzjoni mal-Gvern tal-Burundi filwaqt li tkompli tissorvelja t-tħassib permezz ta' djalogu politiku permanenti li reġa' ddaħħal.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-2019-2024 peress li japplikaw għal azzjonijiet esterni: Il-Patt Ekoloġiku, it-trasformazzjoni diġitali u t-teknoloġiji tad-data, alleanzi għal tkabbir sostenibbli u impjiegi deċenti, ġestjoni u governanza aħjar tal-migrazzjoni, sħubiji tal-migrazzjoni, u governanza, paċi u sigurtà. Huwa konsistenti wkoll mal-Istrateġija Globali għall-politika estera u ta' sigurtà tal-Unjoni Ewropea tal-2016.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Skont l-oġettiv, il-kontenut u l-kuntest tal-miżura proposta, il-bażi ġuridika sostantiva hija l-Artikolu 3 tal-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar miżuri li għandhom jittieħdu u proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE, flimkien mal-punt 3, it-tieni subparagrafu, tal-Anness għal dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem: "Ftehim Intern")⁸.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim Intern, il-pożizzjoni tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 96 tal-Ftehim AKP-KE, meta dik il-pożizzjoni tikkonċerna kwistjonijiet fil-kompetenza tagħhom, tiġi adottata mill-Kunsill, li jaġixxi skont il-proċedura stabbilita fl-Anness. Skont il-punt 3 tal-Anness għall-Ftehim Intern, dawn il-miżuri jibqgħu fis-seħħ sakemm il-Kunsill jieħu deċiżjoni li temenda jew tirrevoka l-miżuri adottati preċedentement, fuq proposta mill-Kummissjoni, bi qbil mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u b' maġġoranza kwalifikata f'każ ta' sospensjoni parzjali.

⁵ Il-Komunikazzjoni Konġunta għall-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (JOIN/2020/5 final)

⁶ Il-Qafas strateġiku tal-UE u pjan ta' azzjoni tal-UE (COUNCIL 11855/12)

⁷ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III: Viżjoni Ambizzjuża dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa għall-Azzjoni Esterna tal-UE (JOIN (2020 17 final).

⁸ Il-Ftehim intern bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom ikunu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE (ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex post/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

MHUX APPLIKABBLI

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta nbdiet b'kont meħud tar-rapport imsemmi hawn fuq mill-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE fil-Burundi, li ġie diskuss fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Afrika (COAFR) fil-25 ta' Mejju 2021 u fil-Grupp ta' Ħidma tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (Grupp ta' Ħidma AKP) fit-28 ta' Mejju 2021. Id-delegati tal-COAFR irrikonoxxew żviluppi pożittivi, u esprimew ruħhom favur ir-revoka tal-miżuri adatti filwaqt li enfasizzaw l-importanza li jkompli jiġeġġegħ il-Gvern tal-Burundi biex jagħmel aktar progress fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-istat tad-dritt u l-governanza. Id-delegati tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP esprimew l-appoġġ tagħhom għall-eżitu tad-diskussjoni tal-COAFR u ssottolinjaw l-importanza li jinżamm vantaġġ permezz tas-sanzjonijiet individwali biex jiġi ffaċilitat aktar progress.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ir-revoka tal-miżuri xierqa hija mistennija li tibni l-fiduċja bejn l-UE u l-Burundi u tinnormalizza r-relazzjonijiet; tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-forzi pożittivi fi ħdan l-istrutturi tal-poter tal-Burundi; tippermetti djalogu politiku f'suġġetti sensittivi, iżżid l-influwenza tal-UE u ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE fil-Burundi fir-rigward ta' atturi globali oħra.

It-tneħħija tal-miżuri xierqa se tippermetti l-użu tal-ingranaġġ offrut mill-Ipprogrammar Indikattiv Pluriennali mill-2021–2027 bħala inċentiv biex isir titjib fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-governanza.

- **Drittijiet fundamentali**

Barra minn hekk, il-miżuri restrittivi kontra persuni, entitajiet jew korpi li jdgħajfu d-demokrazija jew jostakolaw it-tiftix għal soluzzjoni politika fil-Burundi se jkomplu skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1763.⁹

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

Filwaqt li din il-proposta tipprevedi t-tneħħija tal-miżuri xierqa kif elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/394, il-miżuri restrittivi skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1763 jibqgħu fis-seħħ, u se jiġu rieżaminati fix-xhur li ġejjin kif previst minn dik id-deċiżjoni.

Id-delegati tal-COAFR appellaw għal diskussjoni dwar il-futur tal-Kummissjoni ta' Inkjesta tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Burundi. Wara din id-diskussjoni, il-Kunsill tad-Drittijiet tal-

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1763 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi (ĠU L 257, 2.10.2015, p. 37).

Bniedem tan-NU, abbażi ta' riżoluzzjoni mmexxija mill-UE¹⁰, iddeċieda li jistabbilixxi mandat ta' monitoraġġ speċifiku għall-pajjiż fil-forma ta' Relatur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Burundi, bħala segwitu għall-ħidma li saret mill-Kummissjoni ta' Inkjesta.

¹⁰ Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, Sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Burundi, A/HRC/48/16

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tħassar, f'isem ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/394 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern Bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE, b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-Anness tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000¹¹, kif emendat^{12, 13} u estiż¹⁴, ġew konklużi

¹¹ ĠU 2000 L 317, 15.12.2000, p. 3.

¹² Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU 2000 L 317, 15.12.2000, p. 3). Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġie emendat mill-Ftehim iffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmit f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3). L-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġiet estiża bid-Deċiżjoni Nru 3/2019 Nru 2/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-14 ta' Diċembru 2020 biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 420001, 31.12.2020, p. 32) kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-4 ta' Diċembru 2020 (ĠU L 420, 14.12.2020, p. 32) u d-Deċiżjoni Nru 3/2021 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-26 ta' Novembru 2021 (ĠU L 441, 9.12.2021, p. 3), sat-30 ta' Ġunju 2022 jew sal-ewwel applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim AKP-UE, skont liem isseħħ l-ewwel.

¹³ Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-grupp ta' stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

¹⁴ Id-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 biex jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE [2020/2] (ĠU L 1, 3.1.2020, p. 3), kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-4 ta' Diċembru 2020 biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE [2020/2052] (ĠU L 420, 14.12.2020, p. 32) u d-Deċiżjoni Nru 3/2021 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-26 ta' Novembru 2021 biex tiġi

bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/394¹⁵, u ttieħdu miżuri xierqa, kif speċifikat fl-Anness għal dik id-Deċiżjoni, wara proposta tal-Kummissjoni bi qbil mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

- (2) B'mod ġenerali, it-transizzjoni politika paċifika permessa mill-elezzjonijiet ġenerali ta' Mejju 2020 fetħet tieqa ġdida ta' tama għall-popolazzjoni u ta' opportunitajiet għall-Burundi u għar-relazzjonijiet tiegħu mas-sħab tiegħu.
- (3) Minn dak iż-żmien 'l hawn l-Unjoni rrikonoxxiet żviluppi pożittivi li saru mill-Gvern tal-Burundi fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt, u l-impenji meħuda fil-pjan direzzjonali tiegħu ("Feuille de route") lejn aktar titjib f'dawn l-oqsma.
- (4) Ġie stabbilit gvern li kien impenjat li jimplimenta r-riformi meħtieġa għall-iżvilupp u l-istabbiltà fil-pajjiż, u sar progress inkoraġġanti lejn l-implimentazzjoni tal-impenji stipulati fid-Deċiżjoni (UE) 2016/394.
- (5) F'konformità mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, bi qbil mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, ir-raġunijiet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2016/394, kif stabbiliti f'dik id-deċiżjoni, m'għadhomx fis-seħħ. Għalhekk, dik id-deċiżjoni jenħtieġ li titħassar f'isem l-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom.
- (6) Għad fadal sfidi persistenti fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt, u huwa meħtieġ aktar progress mill-awtoritajiet Burundjani, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali, u fil-qafas tad-djalogu politiku li għaddej bħalissa.
- (7) Il-Burundi għadu fraġli u l-awtoritajiet eletti jeħtieġu l-appoġġ tas-sħab internazzjonali biex jimplimentaw il-programm ta' riforma u l-aġenda ta' żvilupp tal-pajjiż.
- (8) L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw, flimkien ma' sħab internazzjonali oħra, l-isforzi kontinwi tal-awtoritajiet nazzjonali biex jistabbilizzaw u jikkonsolidaw l-istituzzjonijiet demokratiċi, jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt u jimplimentaw l-impenji meħuda fil-pjan direzzjonali tagħhom lejn aktar titjib f'dawn l-oqsma,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (UE) 2016/394 hija mħassra f'isem l-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom.

emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE [2021/2175] (ĠU L 441, 9.12.2021, p. 3).

¹⁵Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/394 tal-14 ta' Marzu 2016 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 73, 18.3.2016, p. 90).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President